# Sena ta' ħidma fil-knisja u għall-festa

**F'dan l-artiklu, IL-PERIT DAVID VASSALLO jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, kemm fil-knisja parrokkjali kif ukoll b'risq il-festa titulari ta' Santa Marija.**

**Manutenzjoni: żebgħa u dawl**



Bħal kull binja oħra, il-knisja parrokkjali teħtieġ manutenzjoni kontinwa biex tinżamm f'kundizzjoni tajba. Wara li ftit tas-snin ilu sar proġett kbir ta' restawr tal-binja minn barra (il-koppla, il-kampnari, il-koppletti u l-faċċata), inħass il-bżonn li wara 30 sena mill-aħħar żebgħa tal-ħitan, issir manutenzjoni ġenerali tal-binja tal-knisja minn ġewwa. Għalhekk, kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra ngħata bidu għal dan il-proġett bil-ħsieb li l-parti l-kbira tax-xogħol ikun lest sa Marzu 2014, meta l-parroċċa kellha tiċċelebra l-75 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-istess knisja.

Minbarra t-tikħil u ż-żeba' tal-ħitan, ġie deċiż li jsir ukoll intervent fuq is-sistema tad-dawl tal-knisja. Ix-xogħol ġie kummissjonat lis-Sur Emanuel Abela u kien jikkonsisti fl-istallazzjoni ta' sistema ġdida ta' dawl fuq ġewwa tal-koppletti, l-istallazzjoni ta' *switchboard* ġdid li minnu jiġi kkontrollat id-dawl kollu tal-knisja, il-bdil tal-*cables* tad-dawl tal-koppla u l-bdil ta' *conduit* tal-ħadid antik li kien hemm fil-ħitan tas-sagristiji. Barra minn hekk, id-dawl tal-faċċata tal-knisja tqabbad mas-sistema l-ġdida li saret, minflok kif kien qabel b'sistema għalih.

Għat-tikħil u ż-żebgħa tal-ħitan ġie nkarigat is-Sur Norbert Fenech bix-xogħol kien impenjattiv ħafna u ħa diversi xhur biex tlesta. Minbarra li kien jinvolvi l-armar u ż-żarmar ta' *scaffolding* parti parti fil-knisja kollha, ix-xogħol kollu kellu jiġi ppjanat f'fażijiet differenti biex ma jaħbatx ma' attivitajiet importanti fil-kalendarju tal-parroċċa, bħaż-żjara pastorali ta' Mons. Arċisqof u l-festi tal-Milied. Ix-xogħol beda tlitt ijiem wara l-festa tal-2013 mill-kamra ta' fuq is-sagristija fejn jintrefa' l-maġġoranza tal-armar tal-knisja, segwit mill-ħitan kollha miċ-ċinta 'l isfel fil-kor, il-kappelluni u l-korsija tal-knisja, il-ħitan kollha sa fuq tal-koppletti fin-navi u fl-aħħar iż-żewġ sagristiji. Bħala kuluri taż-żebgħa, ġie deċiż li tinżamm skala ta' kuluri simili ħafna għal dik li kien hemm qabel bil-ħitan tal-knisja jsiru kollha fuq żewġ skali tal-istess kulur u z-zokklatura ssir bi tliet kuluri kumplimentari.



Irid jingħad li fix-xhur li ġejjin fadal xi interventi żgħar oħra li jridu jsiru f'partijiet taz-zokklatura biex ikun kontrollat b'mod aħjar l-effett tal-umdita' fuq il-ħitan. Dan ix-xogħol huwa ppjanat li jsir fl-ewwel nofs tas-sena d-dieħla.

Il-proġett kollu (dawl u żebgħa) sewa €10,000. Il-parroċċa trodd ħajr lis-Sur Charles Borg Barthet tal-għajnuna kbira tiegħu f'dan il-proġett.

**Restawr tal-kwadru *Mater Boni Consilii***

Proġett ieħor li daħlet għalih il-parroċċa f'din l-aħħar sena huwa l-konservazzjoni u r-restawr tal-pittura tal-Madonna Omm tal-Parir it-Tajjeb (*Mater Boni Consilii*) li jinsab fuq l-artal tal-Kurċifiss. Dan il-kwadru, mpitter biż-żejt fuq it-tila minn F. Hiermenegildus Grech (li kien attiv bejn is-snin 1781 u 1795), juri lill-Madonna bil-Bambin f'idejha fi kwadru tal-injam indurat bid-deheb. Ix-xbihat tal-Madonna u tal-Bambin huma nkurunati u madwar ras il-Madonna hemm impoġġi wkoll stellarju. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru wieħed isib ukoll il-firma tal-artist. Ta' min jgħid li dan it-titlu tal-Madonna jidher li ngħata l-ewwel darba fi kwadru li juri lill-Madonna bil-Bambin f'idejha u li deher l-ewwel darba f'Genazzano, qrib Ruma, fis-sena 1467. Wieħed għadu jista' jara dan il-kwadru sal-lum fil-knisja tal-Agostinjani fl-istess belt. Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu kompliet tikber matul is-snin tant li fl-1903, il-Papa Ljun XIII żied it-titlu 'Omm tal-Parir it-Tajjeb' fil-litanija tal-Madonna.



Lura għall-pittura li tinsab fil-parroċċa tagħna. Fl-aħħar snin kien qed jiġi nnutat li dan il-kwadru kien f'kundizzjoni xejn sabiħa u kienu jidhru s-sinjali ta' deterjorazzjoni li ż-żmien iġib miegħu. Għalhekk, wara li ttieħdu l-pariri mingħand esperti fis-settur, il-parroċċa qabbdet lill-kumpanija *Atelier del Restauro*, immexxija minn Valentina Lupo u Maria Grazia Zenzani, biex jieħdu ħsieb il-konservazzjoni u r-restawr tal-pittura u l-kwadru.

It-tila nnifisha ma kinitx f'kundizzjoni tajba hekk li, għalkemm il-kanvas kien miġbud b'mod tajjeb, meta ġie studjat fid-dettall beda jidher li s-sapport tat-tila kien miksur f'diversi bnadi. Dan huwa proċess naturali li jiġri meta l-kanvas tat-tila, minħabba li huwa magħmul minn fibes naturali, jirreaġixxi mal-ossiġnu fl-arja u maż-żmien it-tila tibda titqarqaċ u tinkiser. Għalhekk, biex tiġi indirizzata din il-problema, kellu jsir sapport ġdid għat-tila biex il-kundizzjoni tal-pittura tiġi stabbilizzata.

Sadattant il-pittura ġiet studjata b'dawl UV u rriżulta li maż-żmien ġew applikati saffi ta' żebgħa fuq dik oriġinali u anke ġie applikat saff ta' verniċ fuq il-pittura kollha, liema saff maż-żmien beda jisfar bil-konsegwenza li beda jibdel il-kuluri oriġinali tal-pittura. Għalhekk, sar proċess ta' tindif b'kimika apposta fejn il-verniċ u ż-żebgħa addizzjonali tneħħew u l-pittura oriġinali ġiet integrata b'użu ta' kuluri riversibbli li reġgħu ħolqu dawk il-partijiet żgħar mill-oriġinal li ntilfu maż-żmien.

Il-kwadru tal-injam indurat ukoll instab li kien f'kundizzjoni ħażina u diversi partijiet tal-kisja tal-ġibs kienu qed jinqalgħu minn mal-injam, bi ħsara wkoll fl-induratura tad-deheb. L-ewwel ma sar kien li l-partijiet vojta ġew mimlija b'*gesso di bologna* u illivellati mal-wiċċ oriġinali. Fejn l-induratura tad-deheb kienet nieqsa, l-induratura l-ġdida saret bl-istess proċess li kien intuża mill-induratur orġinali tal-kwadru, bl-użu ta' folji tad-deheb ta' 23 karat.

Il-proġett kollu ta' konservazzjoni u restawr – li sewa b'kollox €2,000 - sar skont il-prinċipji etiċi tal-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' opri tal-arti. Il-proċess ħa ħafna sigħat ta' xogħol delikat u dettaljat minn uħud mill-aqwa esperti li għandna f'pajjiżna f'dan il-qasam. B'hekk, nistgħu nibqgħu ingawdu din l-opra ta' arti fil-parroċċa tagħna u ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet futuri fi stat tajjeb.

**Żewġ sopraporti ġodda tal-injam**

Proġett ieħor li tlesta matul l-aħħar sena hu dak ta' żewġ sopraporti ġodda għall-bibien tas-sagristiji fil-kor tal-knisja, biex ikunu pariġġ l-erba' sopraporti eżistenti li jintramaw fil-festa fiż-żewġ kappelluni.



Ix-xogħol tal-injam, inkluż l-iskultura, sar kollu b'mod voluntarju mis-Sur Victor Micallef filwaqt li l-induratura bid-deheb saret mill-induratur, is-Sur John Pace. Dawn iż-żewġ sopraporti se nkunu nistgħu ingawduhom għall-ewwel darba fil-ġranet tal-festa ta' din is-sena.

**Id-damask**

Kif ħafna jafu, ftit ġranet qabel il-festa tas-sena l-oħra kellna inċident fil-knisja li seta' kellu konsegwenzi ferm iktar gravi. Dan meta riżultat ta' ħsara fis-sistema tal-elettriku, li l-parroċċa ma kellhiex kontroll fuqha, bdiet taqbad is-sistema tad-dawl li hemm fis-sagristija ż-żgħira tal-knisja. Kieku ma' kienx l-intervent f'waqtu ta' persuni li ndunaw bil-ħsara fis-sistema tad-dawl u ħadu azzjoni immedjata, konna ngħaddu minn traġedja liema bħalha. Ovvjament, kawża tad-duħħan kbir li kien hemm fil-knisja, id-damask li kien armat għall-festa inħakem b'riħa qawwija ta' ħruq. Il-parroċċa sabet għajnuna kbira mill-kumpanija *Portughes Laundry and Dry Cleaning* li fi proċess li ħa diversi ġimgħat, naddfet id-damask kollu mingħajr ħlas.

**Pannelli fotovoltajċi**

Ftit tax-xhur ilu twaħħlu wkoll numru ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt tal-maħżen li l-parroċċa għandha fi Triq il-Ġnien (ħdejn iċ-ċimiterju). Dan sar bħala parti minn proġett ikbar amministrat mill-Kurja Arċiveskovili u li permezz tiegħu, bil-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja, twaħħlu ammont kbir ta' pannelli fuq il-bjut ta' diversi proprjetajiet li l-Knisja għandha f'diversi lokalitajiet.

**Xogħlijiet oħra**

Għall-festa se tiġi armata terħa ġdida b'bizzilla taċ-ċombini fuq l-artal tal-Madonna ta' Lourdes. Din inħadmet b'mod volontarju mis-Sinjura Lourdes Fenech. Fil-ġimgħat li għaddew, is-Sur Alfred Agius naddaf ir-ram tal-fanali li jdawlu l-gallerija tal-orgni u l-brazzi li jdawlu l-altar maġġur matul is-sena.

**Festa Esterna**

Matul l-aħħar sena, il-Kumitat Festa Esterna kien għaddej bit-tħejjijiet għall-organizazzjoni tal-festa esterna ad unur il-patruna tagħna Santa Marija. It-tħejjijiet f'dak kollu li l-kumitat jieħu ħsieb – baned, logħob tan-nar, armar, dwal u loġistika – jinvolvu preparamenti li jieħdu xhur. Dan minbarra attivitajiet kontinwi biex jinġabru l-fondi meħtieġa għall-organizazzjoni tal-festa.

Fl-aħħar ġimgħat sar sforz sabiħ biex il-marċ ta' nhar il-festa filgħodu jsir aħjar. Għalhekk, il-Kumitat Festa Esterna li jorganizza u hu responsabbli minn dan il-marċ, kien involut f'ħidma flimkien mal-Għaqda Mużikali Santa Marija u ż-Żgħażagħ Brijużi Dinglin biex b'kollaborazzjoni bejn dawn it-tliet entitajiet jiġi organizzat il-briju waqt il-marċ ta' nhar il-festa filgħodu.

Matul l-aħħar sena, il-kumitat kien iffukat ukoll fuq numru ta' ħidmiet oħra:

Beda x-xogħol fuq tnax-il arblu ġdid tal-ħadid għall-bandalori li saru fl-aħħar snin għal Triq il-Parroċċa. Ix-xogħol fuq dawn l-arbli qed isir b'mod volontarju u hu mistenni li jkun lest sal-festa tas-sena d-dieħla.

Bdiet ukoll ħidma biex Triq Ċensa Spiteri, li hija parti mir-rotta tal-purċissjoni bl-istatwa titulari, tibda tintrama bil-liedna. Dan ix-xogħol qed isir minn grupp ta' adoloxxenti u żgħażagħ fi ħdan il-kumitat u hu mistenni li jitlesta fuq sentejn.



Fl-aħħar xhur il-Kumitat Festa Esterna ħa sehem fi proċess ta' konsultazzjoni mniedi mill-Kunsill Lokali dwar il-proġett ta' tisbiħ li se jagħmel f'Misraħ Ġużè Abela u l-inħawi tal-knisja. Il-kumitat għamel it-talbiet tiegħu u b'sodisfazzjon ngħidu li t-talbiet kollha li saru intlaqgħu mill-Kunsill Lokali.

Sadattant, b'rabta mal-istess pjazza u b'mod li jikkumplimenta l-proġett tal-Kunsill Lokali, il-Kumitat Festa Esterna qed jagħmel il-preparamenti għall-proġett ta' armar ġdid f'Misraħ Ġużè Abela, Triq San Rokku u Triq Għar Bittija, liema proġett kien tħabbar fil-festa tas-sena l-oħra meta sar ir-restawr, induratura u żebgħa tal-istatwa ta' Santa Marija ta' barra. Matul l-aħħar sena ġew ikkummissjonati l-ewwel disinni tal-armar il-ġdid li se jitħabbru fil-ġranet tal-festa. Dan il-proġett se jinvolvi spiża sostanzjali u għalhekk użajna l-aħħar sena għall-ippjanar u l-konsolidament finanzjarju meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż li jridu jsiru għal dan il-proġett, fosthom spiża kapitali inizjali għax-xiri ta' materjal bħal drapp, injam u ħadid.

Dawn il-proġetti setgħu jsiru biss bil-għajnuna ta' diversi voluntiera u bil-kontribuzzjonijiet finanzjarji tad-Dinglin. Minn hawn nirringrazzjawkom tal-ġenerożita' kbira tagħkom li permezz tagħha twettaq dan ix-xogħol kollu.

